SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 10**

**IIL-ĦAMIS 1 TA’ NOVEMBRU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier A. Curmi u P. Fenech kienu skużati minħabba raġunijiet ta’ mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 9 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier M. Fava ppropona u l-Kunsillier C.Said ssekondat.

2. Il-Viċi Sindku ppropona li ssir sosspenzjoni ta' l-Aġenda sabiex jiġu diskussi xi problemi ma' l-LES Authorized Officer, is- Sur Borg Caruana. Il-ħin kien il-17:20hrs.
   Fil-laqgħa ġew diskussi l-atteġjament ta' xi wardens lejn is-sewwieqa u li dawn mhux qed jedukaw iżda jippenalizzaw. Ġew diskussi wkoll il-ħinijiet dedikati lill-Kunsill li fihom issir ir-ronda u jekk il-Kunsill jaqbilx ma' dawn il-ħinijiet.
   Is-Seduta tal-Kunsill reġgħet bdiet fis-6pm.

   Wara diskuzzjoni l-Kunsillier M. Fava ppropona li għandu jitfassal rapport dwar in-nuqqasijiet u l-bżonnijiet tal-lokalita'. Dan ir-rapport jiġi ppreżentant lill-Kumitat Reġjonali u wara jgħaddi għall-attenzjoni ta' l- LES Managment.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux xi ndikazzjoni ta' liema huma dawk it-toroq ġodda li ser jsiru mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretraju Eżekuttiv wieġeb li sa issa l-Kunsill m'għandu l-ebda ndikazzjoni pero' huwa ħa l-inkarigu li jikkomunika dwar dan mat-Transport Malta.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir mas- Sur J. Brincat (TM) dwar Traffic Managment u t- Timed Parking; huwa qal li skond ma' kien infurmat din il-laqgħa kellha ssir fit-3 ta' Ottubru 2012.
   Is- Sindku nforma li din il-laqgħa saret pero' billi tirrikjedi ħafna xogħol ikun aħjar li jiġi maħtur Kumitat Adhoc.
   Il-Kunsillier sosstna li din il-materja ilha ħafna biex tiġi diskussa pero' qatt ma sar xejn . Għaldaqstant talab sabiex fil-laqgħa li jmiss jiġi ppreżentant rapport idettaljat dwar iż-żewġ suġġetti.
   Is- Sindku nforma li r-rapport li prepara l-Perit tal-Kunsill dwar it-Traffic Managment fis-Swieqi, ġie ppreżentant lit-Transport Malta. Huwa nforma wkoll li dawn diġa' bdew jaħdmu fuqu, fil-fatt issa talbu biex issir traffic count taż-żona.
   Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li dan l-eżercizzju qatt ma sar f' dan il-Kunsill u jekk jiġi ordnat dan se jiġi jqum ħafna.

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI - ikomplu**

Mill-Kunsillier Mario Fava – ikompli

3. Il-Kunsillier talab sabiex jkun jaf jekk is-Sindku għandux xi nformazzjoni dwar il-Problema ta' Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam. Is- Sindku wieġeb li dwar dan is-suġġett diġa' kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill fejn dan ser jħejji rapport dettaljat meta jiġi lura mis-safar. Dwar din il-materja, il-Kunsill talab biex fis-seduta li jmiss, il-Perit tal-Kunsill jkun preżenti ħalli jkun jista' jispjega aħjar ir-rapport tiegħu u x' miżuri jistgħu jittieħdu b'mod immedajatement.
   Huwa ssuġerixxa li ssir komunikazzjoni mat-Transport Malta biex jiġu nfurmati li l-Kunsill ma għandux finanzi biżżejjed u lanqas mezzi biex issir dan l-eżercizzju.

4. Il-Kunsillier staqsa wkoll dwar jekk hemmx xi żvilluppi ġodda fil-kisi tat-tarmak ta' Triq il-Qasam. Is-Sindku nforma li dwar din it-triq, il-Kunsill ser jippublika offerta' taħt l-iskema tal-PPP pero' mhux qabel ma ssir laqgħa mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Din il-laqgħa ser issir fil-jiem li ġejjin.

Mill- Viċi-Sindku Dr. J.Fenech

1. Il-Viċi Sindku nforma li huwa mar f' diversi toroq mal-Kuntrattur tad-dawl sabiex jispezzjonaw it-tlettax-il bozza li kienu ġew irrapurtati maqtugħa.
   Il-Kuntrattur informa li dawn kollha saru barra ħamsa li huma difettużi minn naħa ta' l-Enemalta.
   Fl-ispezzjoni instab li minn dawn il-bozzoz kienu inbiddlu biss ħamsa fil-waqt li tlieta minnhom għamlihom dak il-ħin fil-preżenzxa tiegħu. Dwar il-ħames bozzoz l-oħra, il-kuntrattur qal li dawn jridu jiġu rrapurtati lil Enemalta.

   Is-Sindku ppropona li d-dawl kollu jiġi nnumerat, b'hekk tkun aktar faċli biex tiġi rraapurtata bozza maqtugħa. Il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li huwa ġa beda l-proċess u fil-fatt diġa' għandu xi xogħol lest.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI - ikomplu

Mill-Kunsillier Alex Chetcuti

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslietx xi risposta mit-Transport Malta dwar l-Approvazzjoni ta' Drop-Off Zone fil-viċinanza tal-Forex Ironmongery.
   Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dwar din il-materja għadha ma waslietx risposta pero' ser jerġa' jibgħat *reminder*.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma tiegħu. Ir-rapport jinkludi wkoll Laqgħat kollha li kellu ma' diveri entitajiet. Dan ir-rapport jinsab aness ma' dawn il-Minuti – Appendiċi A.

2. Is-Sindku staqsa sabiex isiru l-kuntatti ma' l-uffiċċjasli tal-Pulizija sabiex terġa' ssir laqgħa oħra , b'kontinwita ta' dik li saret ġa pero' din id-darba jkun hemm żmien biżżejjed biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-laqgħa ħalli jkunu jistgħu jattendu.

3. Is- Sindku ppreżenta tlett kwotazzjonijiet għall-Payroll Software:

   - Technosoft- Payroll Module €767.00
   - Shireburn – Payroll Module €900- Set up fee €200 – Yearly Fee €250
   - KPMG – Set up fee €300 – Monthly Fee €90

   Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ikkokluda li għandha tintgħażel l-kwotazzjoni ta' Technosoft peress li hija l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsillier M. Fava ppropona u s-Sindku ssekonda.

4. Is- Sindku nforma li ta' spiss qed jkollu lmenti dwar l-iskips ta' Triq il-Ġiżimin li qed tinxtamm riħa tinten ta' ħut u ta' skart. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ddeċieda li dawn iż-żewġ skips għandhom jitneħħew.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li attendiet il-laqgħa tar-Reġjun. Hija nfurmat li fil-laqgħa ġew diskussi l-pagamenti u l-ħlasijiet tal-wardens. Il-Kumitat ikkonkluda li għal din is-sena l-pagamenti se jibqgħu kif kienu orġinaljament sakemm issiru xi kjarifiki.
   Fil-laqgħa ġie diskuss l-possbilta' li ssir attivita' tal-fjuri bejn erbgħa kunsilli; Naxxar, Swieqi, Għargħur u Pembroke. Aktar dettalji se jingħataw aktar 'il quddiem.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa fuq il-post fejn sar xogħol tal-landscaping fl-Entratura tal-Madliena. Din il-laqgħa saret sabiex jiġu ċċertifikati xi xogħlijiet li saru ġa mill-Kuntrattur. Dawn ix-xogħlijiet saru sodifaċenti.

3. Hija nfurmat li fit-telgħa ta' Triq il-Pedidalwett fil-Madliena fuq il-ħajt baxx se ssir suletta tal-konkos u railing; dan biex jitnaqqas kull periklu.

4. Il-Kunsillier irrapurtat li kellha diversi lmenti minn resident li joqgħod Triq is-Swieqi. Dawn ilmentaw li ta' spiss persuna mhux magħrufa qed titma' l-qtates. Konsegwenza t' hekk, qed jakkumula ħafna ħmieġ. Il-Kunsillier talbet biex jsir kuntatt mal-Pulizija kif ukoll mad-Dipartiment tas-Sanita.

5. Hija nfurmat li dwar it-toroq tal-Madliena li fihom għad irrid issiru xi xogħlijet ta' tarmak se ssir laqgħa mal-Kuntrattur nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012 fit-8am.

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu u l-laqgħat li kellu. Dan ir-rapport jinsab aness ma' dawn il-Minuti – Appendiċi B

2. Il-Viċi Sindku ppreżenta Mozzjoni Nru 1. dwar għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli li għandhom librerija pubblika. Il-Viċi Sindku ppropona li din il-mozzjoni fil-waqt li s-Sindku N. Muscat issekonda. Wara diskuzzjoni l-Kunsill qabel unanimament li għandu japplika għal €700.

Mill-Kunsillier Alex Chetcuti

1. Il-Kunsillier nforma dwar l-attivita' li ser isir fit-2 ta' Diċembru 2012 bit-tema Keep it Clean 3 in 1 :
   a. Love your dog, respect your neighbours
   b. Pruining of shrubs from public footpaths
   c. Mixed Waste Collection

   Din l--attivita' ser ssir fuq iz-zuntier tal-knisja ta' l-Ibraġġ. Fl-istess attivita' ser issir ukoll kampanja dwar iż-żbir tas-siġar ta' dawk li jkunu qed jokkupaw il-bankini. Se jitqassmu fuljetti bil-ħinijiet uffiċjali li fih għandha tinħareġ il-borza ta' l-iskart.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier infurmat li saret il-ħarġa ta' l-anzjani u din kienet ta' suċċess. L-attendenza kienet ta' 46 persuna.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li xi siġar minn Triq is-Sirk miżrugħa fil-privat li l-weraq tagħhom qed jkun ta' ostaklu għal kull min jiffrekwenta l-bankina. Hi talbet sabiex dawn jinżabru mill-aktar fis possibli.

3. Hija nfurmat li fl-lokalita' oħra, il-ħġieġ li jkollhom ir-residenti qed jinġabar minn wara l-bieb. Hi staqsiet dwar il-possibilta' ta' l-istess servizz. Is- Segretrasju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' rappreżentant tal-Green MT dwar din il-materja.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS- SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv talab approvazzjoni sabiex jinxtraw l-unformijiet tax-Xitwa, għal kull impjegat tal-Kunsill.Il-Kunsill qabel unanimament li dawn jinxtraw mill-aktar fis possibli.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istaff jixtieq jixtri toaster għall-kċina tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li din tinxtara.

2. Is- Segretarju Eżekuttiv reġa' ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, korrispondenza mid- Dipartiment tal- Gvern Lokali dwar is-siġra miżrugħa fuq bankina fi Triq il-Molletta. Din is-siġra qed tagħmel ukoll ħsarat fil-linji tad-dawl. Is-Sindku nforma li hu tkellem mas-sidien tal-viċinanza ta' fejn hi miżrugħa din is-siġra. Dawn infurmaw li din is-siġra tista' tinqata'. Il-Kunsill qabel li minħabba l-ħsarat li qegħdin issiru fil-linji tad-dal; din is-siġra għandha tinqata' mill-aktar fis possibli.

4. Rigward il-ħaddiema manwali mill-ETC, is- Segretarju Eżekuttiv informa li minn tlett persuni li ġew assenjati mal-Kunsill Lokali tas- Swieqi, wieħed biss attenda li hwa s-Sur J.Borg minn San Ġiljan. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li diġa' għamel kuntatt ma' l-ETC rigward it-tnejn l-oħra pero' ġie nfurmat li dawn se jiġu assenjati fil-futur qarib.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS- SEGRETARJU EŻEKUTTIV - ikompli

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill skada. Wara li ġiet diskussa din il-materja, l-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi estiż għal sena oħra taħt l-istess kundizzjonijiet.

6. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li hemm bżonn titieħed deċiżjoni ta' meta se ssir il-Laqgħa Ġenerali Anwali tal-lokalita'. Minħabba diversi mpenji tas-Sindku u tal-Kunsillier ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2013.

7. Is-Segretraju Eżekuttiv staqsa għal data li fiha tista' ssir l-ikla ta'kull sena biex jiġu ċċelbrati il-festi tal-Milied. Il-Kunsill iddeċieda li din issir jew fil-ġimgħa ta' bejn il-Milied u l-ewwel sena jew nkella fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar.
   Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li hu qed jiġbor kwotazzjonijiet minn tlett lukandi f' Malta li huma Radisson – San Ġiljan , Corinthia San Ġorg – San Ġiljan, Corinthia Marina – Ħ'Attard u minngħand il-Garden View.

## V I APPROVAZZJONI U XIRI TA' PAGAMENTI

Ġew approvati l-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn Qabel. Il-Kunsillier M. Fava ppropona u l-Kunsillier M. Abela ssekondat.

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2012.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**